MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 56/2014

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Mifsud Jonathan**
**ID 472382(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ Jannar, 2014 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u hdax-il Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€311.41) in konnessjoni ma’ servizz ta’ telefonija cellular 79603687 (AC40161843), liema servizz gie ikkuntrattat permezz ta’ kuntratt datat 12 ta’ Novembru, 2010.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2377/13 u bl-imghaxijiet mil-4 t'Ottubru, 2013 data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-24 ta' Settembru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u hdax-il Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€311.41) bl-imghax legali, mil-4 t'Ottubru, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez inlkuz dawk tal-ittra ufficjali 2377/13, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------